**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 17 ta' Lulju 2017**

**Rikors Numru 18/2017**

**Meli Car Rentals Limited**

**Vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta sive Transport Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat mis-socjeta` **Meli Car Rentals Limited** fis-17 ta' Frar 2017 li permezz tieghu ippremettiet is-segwenti:-

*"*

I. *Illi nhar il-15 ta' Frar 2017, is-socjeta' appellanti giet notifikata bil-posta b'ittra mibghuta mill-Awtorita' appellata datata 13 ta' Frar 2017 liema ittra tittratta dwar* ***avviz ta' penali amministrattiva skont ir-Regolamenti dwar Servizz ta' Garr ta' Passiggieri (L.S. 499.56)****. [Ittra annessa bhala "Dok. A"];*

II. *Illi din l-ittra tghid illi 'fin-nuqqas ta' raprezentazzjonijiet mibghuta minnek fuq il-kaz imsemmi [TM 1300/2017], int infurmat li giet imposta fuqek Penali Amministrattiva ta' €150 u 15 Punti ta' penali minhabba ksur tar-*

*regolament numru 56 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri';*

III. *Illi jigi rilevat illi s-socjeta' appellanti qatt ma rceviet xi forma ta' komunikat mill-Awtorita' appellata dwar dan il-kaz allegat precedenti ghall-ittra datata 13 ta' Frar 2017 li permezz taghha giet mgharrfa bid-**decizjoni amministrattiva** mehuda mill-Awtorita' fil-konfront taghha stante 'nuqqas ta' raprezentazjonijiet';*

IV. *Illi dan ifisser illi s-socjeta' appellanti giet effettivament imcahhda mill-ewwel cans li taghmel rapprezentazzjonijiet biex tiddefendi lilha nnifisha mill-allegazzjonijiet maghmula mill-Awtorita' appellata fil-konfront taghha;*

V. *Illi s-socjeta' appellanti ma giet moghtija ebda dettalji dwar id-dettalji, fattispecji u ragunijiet li jsostnu l-allegazzjoni u l-eventwali decizjoni amministrattiva minn naha tal-Awtorita' appellata;*

VI. *Illi jigi rilevat ukoll illi l-ittra datata 13 ta' Frar 2017 ukoll tonqos milli tindika r-ragunijiet wara d-decizjoni amministrattiva tal-Awtorita appellata, senjatmanet dettallji dwar it-transgressjoni allegatament imwettqa mis-socjeta' appellanti (dato ma non concesso) ghajr li din tikkostitwixxi 'ksur tar-regolament 56 tal-L.S. 499.56'. La huma indikati data u hin ta' meta sehh il-ksur allegat, la hija indikata vettura partikolari, la huwa indikat liema nuqqas partikolari wassal ghal dan il-ksur fl-arbitriju tal-Awtorita', la huwa identifikat ix-xufier tal-vettura u wisq anqas ma huwa identifikat l-ufficjal ezekuttiv tal-Awtorita' illi kkonstata l-allegat nuqqas biex jkun jista' jsir il-kontro-ezami tieghu kif trid il-ligi;*

VII. *Illi b'dak li ghamlet, l-Awtorita' appellata wettqet ksur taz-zewg principji kardinali tal-gustizzja naturali cioe' nemo judex in causa sua, u audi alteram partem. Mhux talli l-Awtorita' taghmilha ta' pulizija, prosekutur u mhallef f'matassa wahda, izda ukoll tkompli tikkonsolida l-monopolju tal-poter taghha billi ccahhad lic-cittadin milli jsemma lehnu in opposizzjoni tal-allegazzjonijiet illi hija taghmel fil-konfront tieghu billi: 1) tonqos milli tfornih bir-ragunijiet u dettalji saljenti wara l-allegazzjonijiet taghha u 2) iccahdu mill-opportunita' li jaghmel rapprezentazzjonijiet qabel tiehu decizjoni vinkolanti 'fin-nuqqas ta' rapresentazzjonijiet';*

VIII. *Illi **minghajr pregudizzju** ghall-aggravji tas-socjeta' appellanti rigwardanti l-irregolarita' u l-ingustizzja lampanti tal-procedura adoperata mill-Awtorita' appellata, hija tirrespingi l-allegazzjoni proposta mill-Awtorita' appellata bhala wahda **infondata fil-fatt u fid-dritt u abbuziva** u ergo tikkontestaha enfatikament bhala wahda li ma ghandhiex mis-sewwa;*

IX. *Illi biex id-decizjoni amministrattiva tal-Awtorita' appellata tkun sorretta mill-ligi, jehtieg illi l-istess Awtorita' tadduci dawk il-provi li fuqhom hija bbazat id-decizjoni taghha. Fin-nuqqas ta' dan, dak li tghid l-Awtorita' ma ghandu jinghata ebda sahha f'ghajnejn il-ligi u ghandu jigi skartat minn dan it-Tribunal.*

*GHALDAQSTANT, is-socjeta' appellanti titlob umilment illi dan it-Tribunal joghgbu jhassar, jirrevoka u jannulla d-decizjoni amministrattiva tal-Awtorita' appellata kontenuta fl-ittra datata 13 ta' Frar u dan bl-ispejjez kontra l-istess Awtorita'."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** ipprezentata fid-9 ta' Marzu 2017 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"1. Illi Preliminarjament, ma hux minnu illi r-rikorrenti ma gietx mibghuta lilu u ma rceviex l-ittra datata 27 ta' Jannar 2017, kopja taghha hawn annessa u markata Dok TM1, in segwitu ghal liema u fin-nuqqas ta' sottomissjonijiet da parti tar-rikorrenti, nharget l-ittra data 13 ta' Frar 2017.*

*2. Illi dato ma non concesso illi ghal xi raguni li l-Awtorita' intimata ma tahti xejn ghaliha, l-ittra indikata tas-27 ta' Jannar 2017 ma waslitx ghand ir-rikorrenti, dan il-fatt, minnu nnifsu, ma jista' qatt jammonta ghal u jigi kkunsidrat bhala xi cahda tad-dritt tar-rikorrenti sabiex jiddefendi l-pozizzjoni tieghu u di piu' ma tammontax ghal xi ksur ta' xi dritt tal-principji tal-gustizzja naturali kif qed jigi allegat u dan propju ghax il-ligi tippermetti dritt ta' appell sew quddiem dan l-Onorabbli Tribunal u anke quddiem il-Qorti tal-Appell sede Inferjuri jekk ihossu aggravat mid-decizjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal minn kull konkluzjoni li l-Awtorita' tista' tasal ghaliha.*

*3. Illi l-ittra tat-13 ta' Frar 2017 hija komunika ta' konkluzjoni amministrattiva u mhux ''decizjoni'' moghtija minn xi organu gudizzjarju jew kwazi gudizzjarju bl-implikazzjonijiet li tali terminu legalment igib mieghu u dan kif stabbilit permezz*

*ta' decizjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal tad-29 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet A.I.L Limited (C11156) et vs Awtorita' ghat-Trasport f'Malta.*

*4. Illi, fl-ahhar u mhux l-anqas, il-kokluzjonijiet raggunti mill-Awtorita' intimata u komunikati lir-rikorrenti permezz tal-ittra tat-13 ta' Frar 2017, huma gusti u jimmeritaw konferma u ghal liema raguni t-talba rikorrenti odjerna ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti."*

Sema' x-xhieda ta' Nazzareno Meli u ta' Emanuel Zammit;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Ra illi s-socjeta` rikorrenti talbet illi l-ewwel u qabel kollox il-kwistjoni tan-nullita` tad-decizjoni tigi deciza b'mod preliminari;

Ra illi t-Tribunal laqa' l-istess talba;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-aggravju tan-nullita` tad-decizjoni appellata;

**Ikkunsidra:**

Illi s-socjeta` rikorrenti hassitha aggravata b'decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 13 ta' Frar 2017 fejn giet immultata mija u hamsin ewro (€150) u gew imposti fuqha hmistax (15)-il punt ta' penali minhabba ksur tar-Regolament numru 56 tar-Regolamenti Dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri.

Illi fir-rikors tal-appell taghha is-socjeta` rikorrenti premettiet illi hija qatt ma rceviet pre-avviz ghall-imsemmija decizjoni, u dan kif huwa rikjest tassattivament mil-ligi.  B'hekk hija qieghdha tishaq illi ma nghatatx ic-cans taghmel ir-rapprezentazzjonijiet taghha qabel harget id-decizjoni finali fil-konfront taghha. Hija tishaq ukoll illi ma nghatat l-ebda raguni ghala ttiehdet l-istess decizjoni, la hu indikat meta sehh il-ksur allegat u lanqas ma hi indikata l-vettura partikolari fejn gie riskontrat l-istess ksur.  Tishaq ukoll li la gie indikat min kien ix-xufier u wisq inqas min kien l-ufficjal ezekuttiv tal-Awtorita` intimata illi kkonstata l-allegat nuqqas.

Illi ghalhekk, skond is-socjeta` rikorrenti kien hemm ksur ta' zewg principji kardinali tal-gustizzja naturali, u cioe`,  il-principju tan-*nemo iudex in causa propria* u tal-*audi alteram partem*.  Madankollu, t-Tribunal se jiddeciedi biss fuq l-

aggravju tan-nuqqas ta' notifika tal-pre-avviz sabiex ikun leali ma' dak verbalizzat fis-seduta tas-6 ta' April 2017.

**Ikkunsidra:**

Illi Nazzareno Meli, in rapprezentanza tas-socjeta` rikorrent, sahaq illi hu qatt ma kien ra l-pre-avviz esebit mar-risposta tal-Awtorita` intimata bhala Dok TM1 a fol. 7 tal-process. Jispjega li l-korrispondenza indirizzata lilu jiftahha huwa stess. Jghid li meta tigi ittra registrata il-pustier ihalliha mal-ewwel persuna li jara, ghalkemm jikkonferma li ghandhom *front office* fejn tista' tigi mhollija tali korrispondenza. Jghid pero` li peress li tali ufficju qieghed fis-sular ta' fuq, il-posta tigi mhollija fuq it-tarag u mhux fil-*letter box* appozita.

Illi Emanuel Zammit, *Enforcement Manager* mal-Awtorita` intimata, xehed illi l-Awtorita` intimta bghatet il-pre-avviz bil-posta registrata lis-socjeta` rikorrenti fis-27 ta' Jannar 2017. Jghid li wara li skada t-terminu li fih is-socjeta` rikorrenti setghet taghmel ir-rapprezentazzjonijiet taghha, l-Awtorita` intimata baghtet id-decizjoni finali taghha lill-istess socjeta`. Ix-xhud spjega s-sistema ta' kif isir l-accertament min-naha tal-Awtorita` intimata li ittra partikolari tkun waslet ghand id-destinatarju taghha. F'dan is-sens huwa esebixxa Dokument EZ1 li minnu jirrizulta li fis-27 ta' Jannar 2017 intbaghatet ittra registrata lil "Meli Car Rentals Qormi" li ggib maghha in-numru RR403904363MT li kienet il-pre avviz, filwaqt li fit-13 ta' Frar 2017 intbaghatet ittra registrata ohra lil "Nazzareno Meli Qormi" li ggib in-numru RR403548551MT. Illi f'seduta sussegwenti Emanuel Zammit esebixxa zewg dokumenti ohra fejn minnhom jirrizulta illi dawn iz-zewg ittri registrati **gew ricevuti mill-istess persuna u cioe` persuna li ghandha l-karta ta' l-identita taghha numru "317579M"**, bil-pre-avviz ikun ricevut fil-31 ta' Jannar 2017.[1]

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi kemm il-pre-avviz mibghut fis-27 ta' Jannar 2017 u kemm id-decizjoni finali mibghuta fit-13 ta' Frar 2017 gew mibghuta mill-Awtorita` intimata bil-posta registrata. Illi jirrizulta wkoll illi l-istess ittri waslu ghand id-destintarju taghhom u iffirma ghalihom l-istess persuna. Illi dan it-Tribunal isibha ferm difficli jemmen il-verzjoni ta' Nazzareno Meli li l-pustier sab l-ewwel persuna li ra u halliha maghha u dan ghaliex fiz-zewg okkazjonijiet iffirmat l-istess persuna ghall-istess ittri. Illi jekk il-pre-avviz ma wasalx ghand

[1] Dok EZ2 a fol. 51

Nazzareno Meli dan certament mhux tort tal-Awtorita` intimata izda semmai kien nuqqas tal-impjegati tas-socjeta` rikorrenti. Illi t-Tribunal josserva illi kienet proprju l-istess persuna li rceviet id-decizjoni finali u l-pre-avviz. Illi d-decizjoni finali m'hemmx dubju li waslet f'idejn Nazzareno Meli stante li sar dan l-appell minnha. Illi dan it-Tribunal ma jara l-ebda raguni ghaliex m'ghandux jistrieh fuq il-konferma li kellha l-Awtorita` intimata da parti tal-Maltapost li anke l-pre-avviz gie ricevut mis-socjeta` rikorrenti. Dan iktar u iktar, meta kif intqal iktar 'il fuq, jirrizulta li l-pustier halla l-ittri mal-istess persuna u kwindi mhux kif allegat minn Nazzareno Meli, u cioe` li hallihom mal-ewwel persuna li nzertat fuq il-post.

Ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tal-Awtorita` intimata u li l-pre-avviz mibghut huwa wiehed validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. Kwindi l-aggravju tan-nullita abbazi tan-nuqqas ta' notifikazzjoni bil-pre-avviz huwa wiehed infondat.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq espressi qieghed jiddikjara illi d-decizjoni tat-13 ta' Frar 2017 giet preceduta bi pre-avviz datat 27 ta' Jannar 2017 li kien regolarment notifikat lis-socjeta` rikorrenti u kwindi jichad l-aggravju tan-nullita` ta' l-istess decizjoni.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti.

____________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**